



*Kumitat għall-Affarijiet Legali
Il-President*

12.12.2018

Is-Sur Jerzy Buzek
President
Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar politika industrijali komprensiva Ewropea dwar l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika (2018/2088(INI))

Sur President,

Skont il-proċedura msemmija hawn fuq, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, li għandi l-unur li nipresjedi, ingħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Is-Sinjura Mady Delvaux inġatret Rapporteur għal opinjoni. Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Novembru 2018, il-Kumitat iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Skont il-ftehim li ntleħaq dwar l-assoċjazzjoni skont l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għandu kompetenza esklużiva għal kwistjonijiet relatati mar-responsabbiltà u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u għandu kompetenza kondiviża għal kwistjonijiet relatati ma' valuri inkorporati fit-teknoloġija ("etiċi mill-waqt tad-disinn").

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali kkunsidra l-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2018 u wara skambji bejn il-koordinaturi permezz ta' proċedura bil-miktub, l-opinjoni hawn taħt ġiet adottata fil-laqgħa tal-10 ta' Diċembru 2018. Matul din il-laqgħa¹, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu.

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Pavel Svoboda (President), Jean-Marie Cavada, (Viċi President), Mady Delvaux (Viċi President u Rapporteur għal opinjoni), Joëlle Bergeron, Kostas Chrysogonos, Sergio Gaetano Cofferati, Mary Honeyball, Sajjad Karim, Sylvia-Yvonne Kaufmann, António Marinho e Pinto, Julia Reda, Evelyn Regner, Axel Voss, Tiemo Wölken, Francis Zammit Dimech, Tadeusz Zwiefka, Kosma Złotowski, Luis de Grandes Pascual.

Nittama li dan se jagħti kontribut utli għar-rapport abbozzat mill-Kumitat tiegħek.

Dejjem tiegħek,

Pavel Svoboda

SUĠĠERIMENTI

- A. billi r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017, b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Regoli ta' Dritt Ċivili dwar ir-Robotika (2015/2013(INL)), talbet lill-Kummissjoni biex tipproponi qafas legali koerenti dwar l-iżvilupp tar-robotika, inklużi sistemi awtonomi u robots awtonomi intelliġenti;
1. Iħeġġeġ li għandha tingħata attenzjoni kbira lis-sikurezza tal-prodotti biex jiġu żgurati l-protezzjoni u l-fiduċja tal-konsumaturi fl-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u fir-robotika;
 2. Jenfasizza li d-disinn iċċentrat fuq il-bniedem meta tiġi żviluppata l-IA huwa kruċjali sabiex jiġu żgurati r-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jsir mill-magni;
 3. Jenfasizza li l-qafas ta' politika għandu jiffassal biex jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' kull tip ta' IA u mhux biss sistemi ta' taġħlim fil-fond, li jirrikjedi ammont kbir ta' data;
 4. Jenfasizza li l-użu ta' data fis-settur tas-saħħa għandu jkun sorveljat b'attenzjoni u etikament u bl-ebda mod m'għandu jostakola l-aċċess għall-protezzjoni soċjali jew l-assigurazzjoni;
 5. Jemmen li meta l-IA qed tintuża f'apparat mediku impjantat, id-detentur għandu jkollu d-dritt li jispezzjona u jimmodifika l-kodiċi tas-sors użat fl-apparat;
 6. Ifakkar li d-disponibbiltà ta' data ta' kwalità hija essenzjali għall-kompetittività reali fl-industrija tal-intelliġenza artifiċjali, u jitlob li l-awtoritajiet pubbliċi jiżguraw modi li bihom jipproduċu, jikkondividu u jiġġestixxu d-data billi jagħmluha beni komuni bħala data miftuħa;
 7. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex toħloq il-grupp ta' esperti dwar ir-Responsabbiltà u t-teknoloġiji Ġodda biex jipprovdi lill-UE b'għarfien espert dwar l-applikabilità tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għal Prodotti tradizzjonali, it-teknoloġiji ġodda u l-isfidi soċjetali ġodda (formazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà tal-Prodott) u jassisti lill-UE fl-iżvilupp ta' prinċipji li jistgħu jservu bħala linji gwida għal adattamenti possibbli tal-liġijiet applikabbli fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali relatati ma' teknoloġiji ġodda (formazzjoni ta' Teknoloġiji Ġodda);
 8. Jiddispjaċih madankollu li ma tressqet l-ebda proposta leġiżlattiva matul din il-leġiżlatura li ddewwem l-aġġornament tar-regoli dwar ir-responsabbiltà fil-livell tal-UE u li kienet ta' theddida għaċ-ċertezza legali madwar l-UE f'dan il-qasam kemm għan-negożjanti kif ukoll għall-konsumaturi;
 9. Jinnota l-ħidma li għaddejja tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) dwar l-IA u jħeġġeġ lill-Istati Membri jikkoordinaw lill-membri tal-ISO taġħhom biex jiddefendu bl-aħjar mod possibbli l-valuri u l-interessi Ewropej fl-iżvilupp tal-istandards;
 10. Ifakkar fir-risoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tas-16 ta' Frar 2018 li fiha nnota li m'hemm l-ebda dispożizzjoni legali li tapplika speċifikament għar-robotika, iżda li s-

sistemi u d-duttrini legali eżistenti jistgħu jiġu applikati faċilment għar-robotika, għalkemm jidher li xi aspetti jitolbu kunsiderazzjoni speċifika; itenni l-appell li sar f'dik ir-risoluzzjoni lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja approċċ orizzontali u teknoloġikament newtrali fir-rigward tal-proprjetà intellettuali applikabbli għad-diversi setturi fejn jaf tintuża r-robotika;

11. Jilqa' f'dan ir-rigward il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Istituzzjonijiet dwar Gwida dwar ċerti aspetti tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali iżda jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mmonitorjati r-rilevanza u l-effiċjenza tar-regoli dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali biex jiġi rregolat l-iżvilupp tal-IA; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza ta' kontrolli tal-idoneità;
12. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni waqqfet il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, li jinkludi rappreżentanti mill-akkademja, mis-soċjetà ċivili u mill-industrija biex jabbozzaw linji gwida dwar l-etika fl-IA dwar kwistjonijiet bħall-korrettezza, is-sikurezza, it-trasparenza, il-futur tax-xogħol, id-demokrazija u, b'mod aktar ġenerali, l-impatt fuq l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, inklużi l-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali, id-dinjità, il-protezzjoni tal-konsumatur u n-nondiskriminazzjoni;
13. Jistenna bil-ħerqa l-laqqgħa konġunta mal-Istati Membri prevista għal Jannar 2019 wara l-pubblikazzjoni tal-abbozz tal-linji gwida etiċi fi tmiem l-2018 kif imħabbar fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni fil-25 ta' April 2018;
14. Jenfasizza r-rwol li jista' jkollu l-Parlament permezz tal-ħidma li ssir minn STOA biex tirrappreżenta t-tħassib taċ-ċittadini fl-abbozzar ta' dawn il-linji gwida;
15. Jieħu nota tal-pjan ta' azzjoni koordinat dwar l-IA ppreżentat mill-Viċi Kummissarju Ansip f'Diċembru 2018;
16. Jenfasizza li l-iżvilupp tal-IA u tar-robotika attwalment huwa mmexxi minn pajjiżi mhux tal-UE, u għalhekk jenfasizza l-importanza li jkun hemm approċċ komuni Ewropew biex jiddefendi l-post tal-UE fl-iżvilupp tal-IA;
17. Jilqa' f'dan is-sens il-ħolqien tal-alleanza tal-IA tal-UE bil-għan ta' mobilizzazzjoni sħiħa ta' sett varjat ta' parteċipanti, inklużi negozji, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, trejtdjunjins, u rappreżentanti oħra tal-korpi tas-soċjetà ċivili; jinnota li l-għan ta' din il-pjattaforma wiesgħa ta' diversi partijiet ikkonċernati huwa li tikkomplementa u tappoġġja l-ħidma tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-IA, b'mod partikolari fit-tnejn ta' abbozz ta' linji gwida dwar l-etika fl-IA, u fl-iżgurar tal-kompetittività tal-UE fil-qasam li qed jespandi tal-IA.